MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2010

Rikors Numru. 125/2010

Andrea **GRASSO** bħala mandatarju speċjali għas-soċjeta’ estera *Ingrosso Calzature Vieffe s.r.l.*

vs

David **DESIRA** u Eugenia Desira

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn David u Eugenia Desira fil-11 ta’ Frar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta’ Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Frar, 2010, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutanti *nomine* bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutati;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat eżekutant *nomine* fis-7 ta' Lulju, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm minnu msemmijin qal li t-talba tar-rikorrenti eżekutati m'għandhiex tintlaqa';

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferu;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Ir-rikorrenti eżekutati miżżewġin Desira qegħdin jitolbu t-tħassir tal-imsemmi Mandat minħabba li jgħidu li dan sar għalxejn għaliex ma għandhom l-ebda assi għand it-terzi sekwestratrji biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjoni msemmija fl-istess Mandat, u kulma qiegħed jinkiseb bil-Mandat fis-seħħ hu l-isem ħażin li qiegħed jingħatalhom mal-istess sekwestratarji, liema ħaġa qiegħda żżommhom milli jiksbu faċilita' ta' *credit cards* għall-użu personali tagħhom;

Illi mill-<u>fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni</u> jirriżulta li fis-27 ta' Frar, 2009, Andrea Grasso *nomine* talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutati għall-ammont ta' € 33,045.90 in kawtela ta' "prezz relattiv għal diversi konsenji ta' żraben bl-ingrossa" magħmulin minnu lilhom. Il-Mandat kien notifikat lil seba' (7) sekwestratarji, lkoll f'Malta, wħud minnhom istituzzjonijiet finanzjarji. Il-Mandat inħareġ dak inhar li ntalab. Il-pretensjoni ta' kreditu msemmija fil-Mandat hija l-mertu ta' kawża li l-istess eżekutant *nomine* fetaħ dak inhar li tressaq ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat u li għadha qiegħda tinstema' minn din il-Qorti[1];

[1] Rik. Nru. 190/09JRM (imħollija għas-sentenza għall-5.10.2010)

Illi jidher xieraq li l-ewwel konsiderazzjoni ta' dritt marbuta mal-każ tkun riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma rilevanti. Jidher li r-rikorrenti eżekutati qegħdin jitolbu t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontrihom fuq il-bażi ta' żewġ kawżali – għalkemm naqsu milli jsemmuhom speċifikatament – l-ewwel taħt l-artikolu 836(1)(ċ) billi jgħidu li nħareġ Mandat kawtelatorju ieħor li huwa biżżejjed biex iħares il-pretensjonijiet tal-eżekutanti, u t-tieni taħt l-artikolu 836(1)(f) billi jgħidu li ladarba ma għandhomx assi x'jiġu sekwestrati, ma hemmx bżonn li l-Mandat jinżamm fis-seħħ;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat, u dan ukoll minħabba l-fatt li l-partijiet diġa' ressqu pretensjonijiet rispettivi kontra xulxin li qegħdin jinstemgħu minn din il-Qorti fil-kawża msemmija;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali tal-liġi li fuqhom l-eżekutati jsejsu t-talbiet tagħhom. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

Illi għal dak li jirrigwarda l-imsemmija kawżali, l-Qorti tibda billi tqis l-ewwel waħda jiġifieri:

A) L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrenti

---

[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

[3] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

jgħidu li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet ta' l-eżekutant *nomine* tinsab f'mandat ieħor kawtelatorju maħruġ minnu kontra "n-negozju tal-esponenti u qabad diversi oġġetti". Minn kliem il-liġi nnifisha, hu aċċettat li t-tiftix tal-garanzija xierqa għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jrid isir fi ħdan l-istess intimat eżekutat, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor";

Illi l-eżekutant iwarrab dan l-argument, prinċipalment billi jgħid li filwaqt li jikkonferma l-ħruġ tiegħu, jisħaq li sal-lum baqgħet ma saret l-ebda elevazzjoni ta' ħwejjeġ bis-saħħa tiegħu. Barra minn hekk, il-fatt li nħareġ Mandat kontra n-negozju tal-eżekutati ma jfissirx li dan huwa garanzija xierqa li tinstab fl-istess eżekutati;

Illi l-Qorti ma tqisx li r-raġuni msemmija mill-eżekutati tassew tagħti lok għal garanzija oħra xierqa fis-sens li tagħti serħan il-moħħ ta' garanzija soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[4]. Minbarra dan, intwera wkoll bi stqarrija tal-eżekutati nfushom li l-qagħda ekonomika tagħhom m'hijiex waħda mill-isbaħ f'dawn iż-żminijiet, u dan iwassal lill-Qorti toqgħod b'seba' għajnejn qabel ma tqis x'għamla ta' garanzija alternativa teżisti tassew li tkun tant tajba li tagħti lok għat-tħassir ta' Mandat;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandat fuq il-kawżali msemmija

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[5]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

---

[4] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***
[5] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

Illi madankollu, taħt din id-dispożizzjoni wkoll, jidher li l-bdil li għalih japplika dak is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet. Jekk isseħħ ċirkostanza bejn xi waħda mill-partijiet u terzi, l-effetti tal-Mandat m'għandhomx jolqtu lill-parti l-oħra, l-iżjed jekk din tkun il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-Mandat b'ħarsien ta' jedd pretiż. F'dan il-każ, l-eżekutati ma fissrux x'kienet din iċ-ċirkostanza ġdida li ġġib mhux aktar raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ. Għall-kuntrarju, mid-dokumenti mressqin minnhom[6] jidher li l-qagħda ekonomika mwiegħra li jinsabu fiha kienet diġa' magħrufa minnhom sa minn qabel ma nħareġ il-Mandat li llum iridu jħassru;

Illi, b'żieda ma' dan, il-fatt li l-eżekutati m'għandhom l-ebda ġid f'idejn xi wieħed mis-sekwestratarji ma jfissirx awtomatikament li l-Mandat qiegħed jinżamm fis-seħħ bla raġuni tajba. Kif sewwa qal l-eżekutant *nomine*, ma hemm xejn xi jżomm milli, sakemm idum fis-seħħ il-Mandat, f'idejn wieħed jew uħud mis-sekwestratarji jistgħu jaslu fondi jew assi li jintlaqtu bl-effetti tal-istess Mandat u b'hekk ikunu ta' siwi għall-ħarsien tal-pretensjonijiet tiegħu;

Illi, naturalment, il-Mandat taħt eżami weġġa' lir-rikorrenti, l-iżjed fejn jirrigwarda l-attivita' kummerċjali tagħhom. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Imma dan il-fatt, waħdu, m'huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li "jiffriża" l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandux jedd għall-ħlas minnu pretiż, xorta

[6] Ara paġġ. 3 u 4 tal-atti

waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[7]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutant;

Illi l-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti seħħilhom jagħtuha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti eżekutati** billi ma hemm l-ebda raġuni tajba li twassal lill-Qorti biex tħassar il-Mandat;

**Tordna** li l-istess rikorrenti eżekutati jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[7] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***